MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 632/2001/1

**Charles Ferriggi**

**v.**

**Alice Ferriggi, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u Dr. Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno**
**nominati b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001**
**bhala Kuraturi Deputati sabiex**
**jirraprezentaw l-interessi tal-minuri Josef**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fis-17 ta' April, 2001 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ppremetta illi l-konjugi Charles u Alice Ferriggi zzewgu fid-19 ta' Awissu 1989, waqt liema zwieg twieldu tlett itfal, ossia l-minuri Francesca, Federica u Josef; illi l-partijiet kontendenti huma de facto separati, principalment a kawza tas-sospetti fondati ta' l-attur illi l-konvenuta kienet qed tghix hajja adultera; u illi per konsegwenza ta' relazzjoni extra-konjugali l-konvenuta kellha tarbija u cioe` l-minuri Josef hawn fuq imsemmi li twieled fit-12 ta' Jannar 1999, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok A, u illi l-imsemmija tarbija giet registrata b'kunjom l-attur meta hu m'huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat (Dok B); u illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li, effettivament, m'huwiex ibnu; u ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-imsemmija tarbija m'hijiex wild naturali ta' l-attur, u
2. konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 0304793 mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Charles Ferriggi, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-9 ta' Jannar, 2002 il-konvenuta Alice Ferriggi eccepiet:-
1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni *de quo* hija perenta peress li ma gietx prezentata entro l-perjodu ta' dekadenza preskritt mill-Artikolu 73 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti tirrimetti ruhha sa fejn jirrigwarda l-provi fil-mertu.

B’nota tas-16 ta’ Jannar, 2002 id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:-

1. Preliminarjament l-inammissibilita` tac-citazzjoni odjerna stante li skada t-terminu ta’ sitt xhur stipulat mill-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap 16 li fihom jistghu jigu ntavolati kawzi ta’ din in-natura.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, dwar il-mertu ta’ din l-azzjoni ta’ denegata paternita` huwa jirrimetti ruhu ghal provi migjuba u ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju ghas-suespost f’kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” mil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm;
4. Illi ghal finijiet tal-korrettezza in-numru progressiv ta’ l-att tat-twelid mertu ta’ din il-kawza huwa 236/1999 u mhux dak indikat mill-attur fic-citazzjoni;
5. Illi l-esponenti m’ghandux ibati spejjez.

Illi b’nota ta’ Dr. Richard Sladden et bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Josef dawn eccepew illi m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-30 ta’ Marzu, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet din il-kawza bil-mod segwenti:-
“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddecidi**, fuq ammissjoni tal-konvenuta Alice Ferriggi u filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u wkoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha fil-mertu ta’ l-istess konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompattibli (sic) ma dak hawn deciz, u fl-istess waqt tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-minuri in kwantu inkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija m'hijiex wild naturali ta' l-attur Charles Ferriggi;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 236/99 mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Charles Ferriggi, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet, u wkoll jigu kancellat il-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirriferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm, b'dan li l-istess attur ma ghandux jibqa' jigi indikat bhala l-missier ta' l-istess minuri u tawtorizza u tordna kull modifika ohra *in vista* ta' l-ewwel talba, u jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwententi u minflok fil-partikolaritajiet li jirreferu ghall-missier ta' l-istess tarbija jew minuri ghandhom jigu inseriti l-kliem "*missier mhux maghruf*";

3. Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.
Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-istess konvenuta Alice Ferriggi proprju."

Dik il-Qorti ddecidiet bil-mod hawn fuq riportat billi, wara li enuncjat u spjegat fid-dettal il-principji legali nvoluti, fl-applikazzjoni ta' l-istess principji ghal kaz in dizamina qalet hekk:-

"Illi fl-ewwel lok wiehed irid jirreferi ghall-**Artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta' martu u omm ta' l-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, jew fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.

"Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur sar jaf li t-tarbija ma kinitx tieghu biss f'Ottubru 2000 u ghalhekk jirrizulta li l-kawza saret fit-termini specifikati fl-**Artikolu 73 (c) tal-Kap 16**, u dan peress li ghalkemm li d-data ta' l-istess testijiet xjentfici hija datata 10 ta' Ottubru 2000 in effetti l-istess testijiet xjentifici gew ricevuti mill-attur xi jiem wara li qarreb ghalhekk ghat-terminu stabilit mill-ligi abbazi ta' l-imsemmi subartikolu, peress li c-citazzjoni attrici giet prezentata fis-17 ta' April 2001. Din id-decizjoni qed tinghata wkoll fuq l-iskorta ta' dak li inghad fis-sentenza "**Jesmond Montebello vs Amy Magri et**" (P.A. (P.S.) 31 ta' Jannar 2003, fejn l-istess Qorti anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 235 Taljan,** li huwa simili ghal taghna, tat interpretazzjoni libera tat-tifsiriet ta' l-**Artikolu 70** u kwindi ta' l-**Artikolu 73 tal-Kap 16** u dan b'sens ta' responsabilta` u gustizzja guridika.

"Illi mhux biss izda fl-atti processwali, l-konvenuta jidher li ammettiet u accettat il-fatt li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri tant li fil-affidavit taghha datat 18 ta' Novembru 2002, hija ammettiet li t-tarbija Josef mhux iben l-attur, li hu zewgha u qablet li ghandhom isiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenuta kkometiet adulterju u dan f'dak iz-zmien *ad insaputa* ta' l-attur u ghalhekk jezistu l-kondizzjonijiet indikati fl-**Artikolu 70 tal-Kap 16.**

"Illi pero` ai termini ta' l-**Artikolu 70** dan mhux bizzejjed u fil-fatt gew prodotti testijiet xjentifici li saru l-Ingilterra esebiti bhala Dok "B" a fol. 5 tal-process fejn jinghad bl-iktar mod car li "*The DNA results excude paterbity* (recte "exclude paternity"). *Charles Ferriggi cannot be the father of Josef Ferriggi."*

"Illi mhux hekk biss izda fil-kuntratt ta' separazzjoni li sar bejn il-partijiet datat 8 ta' Mejju 2003 l-konjugi Ferriggi ddikjaraw fi klawsola sitta (6) ta' l-istess li "*kwantu ghall-minuri Josef, il-partijiet jaqblu u jiddikjaraw illi ghalkemm l-istess tifel twieled waqt iz-zwieg ta' bejn il-komparenti, huwa ma huwiex il-wild naturali u bijologiku tar-ragel."*

"Illi ghalhekk ghalkemm il-partijiet ma kinux separati *de facto* meta l-konvenuta harget tqila bit-tarbija, il-partijiet it-tnejn qablu li l-konvenuta kellha relazzjoni intima ma terza persuna. Illum il-gurnata l-partijiet jinsabu separati *de facto* u dan minhabba l-fatt li l-attur kellu suspett li t-tarbija b'isem ta' Josef ma kinitx minn tieghu. Dan is-suspett gie konfermat permezz ta' test tad-DNA. Il-konkluzzjoni ta' dan ir-rapport tghid "*The DNA results exclude paternity. Charles Ferriggi cannot be the father ofJosef Ferriggi.*" Kopja ta' tali test tinsab a fol. 5 tal-process.

"Illi dan ifisser li l-istess konvenuta kkommettiet adulterju ghaliex kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna, mhux l-attur li kien zewgha, liema rizultat ta' din ir-relazzjoni extra-maritali kien il-wild ta' l-istess minuri, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet ta' l-**Artikolu 70 (1)(d) tal-Kap 16.**

"Illi fic-cirkostanzi ma hemm ebda dubju li l-prova tad-DNA *testing* teskludi kull possibilita` li l-attur Charles Ferriggi jista' jkun il-missier naturali tal-minuri Josef. Ghalhekk taht dan l-aspett it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kollha peress li gie konkludentement ippruvat li l-attur m'huwiex il-missier ta' l-istess minuri Josef, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet idoneji fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri, inkluz dak indikat mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu, b'dana pero` li l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandha tigi michuda stante li l-azzjoni saret fit-terminu stabilit fl-**Artikolu 73 (c) tal-Kap 16.**"

**L-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentata fid-19 ta' April, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija filwaqt li din il-Qorti giet mitluba tikkonferma dik il-part tas-sentenza li titratta dwar il-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti giet mitluba tirrevoka d-decizjoni ta' l-Ewwel Istanza billi tichad it-talbiet kollha ta' l-appellat Charles Ferriggi, bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-aggravji tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoncernaw in-natura tat-termini preskrittiv li l-ligi tistabilixxi ghall-azzjoni ntentata mill-attur billi kif jinghad fir-rikors ta' l-appell:-

1. l-azzjoni ttentata mill-attur appellat hija wahda ta' *denegata paternita`* sabiex jigi attakkat l-istat ta' legittimita` o meno ta' l-ulied u hija regolata fl-Artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-terminu hemm stipulat huwa wiehed ta' dekadenza u mhux preskrizzjoni u ghaldaqstant ma jistax jigi nterrott.

2. It-terminu stipulat fl-Artikolu 73 m'huwiex wiehed rinunzjabbli u ghalhekk il-konvenuta Alice Ferriggi ma setghetx tirrinunzja ghalih u l-anqas ma setghet l-Ewwel Onorabbli Qorti tinjorah ghaliex rinunzjat mill-istess Alice Ferriggi. Dan hu artikolu ta' ordni pubbliku u ma jispettax lill-partijiet jiddecidu dwar l-applikazzjoni tieghu o meno.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li l-Artikolu 70 tal-Kap 16, hemm imsemmi, ma jistabilixxi ebda terminu li fih trid tigi ezercitata l-azzjoni in kwistjoni. Infatti dan it-terminu huwa indikat fl-Artikolu 73, liema artikolu jissemma' fit-tieni aggravju ta' l-appellant. B'dana kollu din il-Qorti tikkondividi dak li ntqal mill-appellant billi minn kliem l-Artikolu 73 tal-Kap 16 jidher li t-terminu hemm stipulat huwa wiehed ta' dekadenza nkwantu hemm jinghad li l-azzjoni <u>trid tigi istitwita</u> fi zmien sitt xhur minn meta tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (c) ta' l-istess artikolu. F'dan il-kuntest dan it-terminu, kif sewwa osserva l-appellant, ma jistax jigi nterrott. B'dana kollu ma jidhirx li dan l-aggravju huwa gustifikat billi l-ewwel Qorti ma qalitx li kien hemm interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv izda, dik l-istess Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha, u cioe` li l-eccezzjoni sollevata mill-appellant ma kinitx gustifikata, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha, u minn dan dehrilha li l-azzjoni attrici kienet effettivament istitwita korrettement fit-terminu ta' sitt xhur preskritt mil-ligi. Dan

jirrizulta car mill-parti tas-sentenza fuq riprodotta u li, ghall-fini ta’ kjarezza qed terga tigi riprodotta, u fejn jinghad hekk: “*Illi f’dan il-kaz jirrizulta li l-attur sar jaf li t-tarbija ma kinitx tieghu biss f’Ottubru 2000 u ghalhekk jirrizulta li l-kawza saret fit-termini specifikati fl-**Artikolu 73(c) tal-Kap 16**, u dan peress li ghalkemm li d-data ta’ l-istess testijiet xjentifici hija datata 10 ta’ Ottubru 2000, in effetti l-istess testijiet xjentifici gew ricevuti mill-attur xi jiem wara li qarreb ghalhekk ghat-terminu stabilit mil-ligi ……*” Minn dan jidher li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma qalet dak li qed jigi allegat fl-ewwel aggravju tar-rikors ta’ l-appell.  L-ewwel Qorti rriteniet, fil-fehma ta’ din il-Qorti korrettament, li l-attur kien istitwixxa dawn il-proceduri entro t-terminu ta’ sitt xhur minn dak inhar li kixef il-qerq – u dan a tenur tal-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 73. Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

Fit-tieni aggravju qed jigi sottomess, korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, li t-terminu stipulat fl-Artikolu 73 hu ta’ ordni pubbliku u bhala tali ma jistax jigi rinunzjat. Dan premess, pero`, jigi osservat li l-eccezzjoni tad-dekadenza ta’ l-azzjoni a tenur ta’ l-artikolu imsemmi giet moghtija kemm mill-konvenuta Ferriggi kif ukoll mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku. Ghalkemm din l-eccezzjoni giet rinunzjata mill-konvenuta Ferriggi, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma rrinunzjax ghaliha u ghalhekk din l-eccezzjoni giet ezaminata mill-ewwel Qorti u finalment michuda. F‘dan is-sens ma taghmel ebda differenza r-rinunzja ta’ din l-eccezzjoni da parti tal-konvenuta Ferriggi billi l-eccezzjoni giet ezaminata u nghatat decizjoni dwarha. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellant Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------